MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2014

Talba Numru. 801/2013

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta Estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra, Ingilterra [C-7692]**

**Vs**

**George LAPIRA**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fid-19 ta' Dicembru, 2013** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' tmien mija sebgha u ghoxrin euro u sebgha u ghoxrin ċenteżmi ta' euro [€827.27c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Hlas fl-ammont ta' 827.27c (tmien mija u sebgha u ghoxrin ewro u sebgha u ghoxrin ċenteżmi) kwantu ghal €675.41c royalty dovuta bil-quddiem ghal perjodu 6 ta' Ottubru 2007 sal 5 ta' Mejju, 2013, in

konnessjoni mal-licenzja Nru. 010655 (Dok. A) rilaxxjata mis-socjeta attriċi a favur tal-konvenut b'liema liċenzja il-konvenut gie moghti d-dritt li jxandar fil-pubbliku mużika tutelata fl-istabiliment "Ristorante Ordine", St. Julians, u €121.59c Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Is-socjeta attriċi qeghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet kummerċjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjes tal-Avviz, kompriża dawk tal-ittra legali tal-15 ta' Jannar, 2008 sa 2013, kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali tal-1 ta' Awwissu, 2013 kontra l-konvenut li huwa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat bil-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni u li ma deherx ghas-seduti miżmuma quddiem it-Tribunal nhar it-18 ta' Gunju, 2014 u tal-lum.

Semgha x-xhieda tal-Prokuratur Legali Josette Attard li kkonfermat li l-intimat ghad fadallhu jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' €827.27c.

Ra li l-Prokuratur Legali Josette Attard iddikjarat li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talbet lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza a tenur tal-artikoli 9 (2) (a) u 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat tas-somma ta' €827.27c rapprezentanti din is-somma *royalties* u taxxa fuq il-valur miżjud ghal perjodu 6 ta' Ottubru, 2007 u 5 ta' Mejju, 2013 u dan ghal xandir fil-pubbliku ta' mużika ġewwa l-fond Ristorante Ordine skond liċenzja rilaxxata lill-intimat mill-istess soċjetà rikorrenti.

Ikkunsidra;

2. Ir-rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti xehdet llum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ta' tmien mija sebgha u ghoxrin euro u sebgha u ghoxrin ċenteżmi ta' euro [€827.27c] ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

(b) *Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimat gie notifikat bil-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni u baqa ma deherx ghas-seduti miżmuma quddiem it-Tribunal nhar it-18 ta' Gunju, 2014 u tal-lum.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' tmien mija sebgha u ghoxrin euro u sebgha u ghoxrin ċenteżmi ta' euro [€827.27c] bl-imghaxijiet kummerċjali a tenur tal-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta kif mitluba fuq dan l-ammont, li ghandhom jibdew jiddekorru mid-data tal-iskadenza relattiva sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez huma kollha a kariku tal-intimat inkluż dawk ta’ l-ittri legali u tal-ittra uffiċjali datata 1 ta’ Awwissu, 2013.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------